MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1401/2003

**"A"**

**vs**

**"B"**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta' Dicembru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fir-Registru Pubbliku fid-19 ta' Jannar 1995 (Dok "A").

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga billi l-attur ma xtaqx illi jkollu aktar tfal wara li

kellu bosta tfal wara li kellu bosta tfal minn zwigijiet precedenti.

Illi *inoltre* l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg u dana anke minhabba l-biza’ reverenzjali li l-konvenuta kellha fil-konfront ta’ l-attur minhabba d-differenza ta’ l-eta’ bejniethom.

Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fir-Registru Pubbliku fid-19 ta’ Jannar 1995 huwa null u bla effett skond il-ligi.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddecieda illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-19 ta’ Jannar 1995 huwa null u bla effett legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;
Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 5 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fl-24 ta’ Marzu 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ tletin (30) gurnata lill-attur sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu producibbli bil-procedura ta’ l-affidavits, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollha wkoll l-istess terminu sabiex hija wkoll tipprezenta l-affidavits taghha.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-15 ta’ Gunju 2004 a fol. 11 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccepjenti ma toggezzjonax ghat-talba ta’ l-attur sabiex iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-2 ta’ Jannar 1995 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 12 sa 14 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti** a fol. 15 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-konvenuta tixtieq tipprevalixxi ruhha mic-citazzjoni pprezentata kontra taghha mill-attur u debitament notifikata lilha, sabiex tipprezenta l-odjerna kontro-talba.

Illi l-konvenuta zzewget lill-attur fid-19 ta’ Jannar 1995 fir-Registru Pubbliku ta’ Malta.

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta’ l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi *inoltre* l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fid-19 ta’ Jannar 1995 huwa null u bla effett fil-ligi.

Illi l-istess konvenuta rikonvenzjonanti talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat mill-kontendenti fid-19 ta’ Jannar 1995 huwa null u bla effett legali, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti a fol. 16 sa 18 tal-process.

Rat li l-istess attur gie notifikat bl-istess kontro-talba tal-konvenuta fis-17 ta' Gunju 2004 (*a tergo* ta' fol. 19 tal-process) izda baqa' ma prezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet ghall-istess kontro-talba.

Rat in-nota tal-konvenuta **"B"** datata 25 t'Awissu 2004 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha.

Rat il-verbali tas-seduti ta' l-4 ta' Novembru 2004 u tas-7 t'April 2005 fejn Dr. Joseph Ellis ipprezenta affidavit ta' l-attur **"A"** b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jiffissa zewg seduti sabiex fihom jinghalqu l-provi. Dr. Ellis ghall-attur iddikjara li m'ghandux provi izjed.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fl-20 ta' Gunju 2005 fejn sar il-kontro-ezami ta' l-attur; u fid-19 ta' Settembru 2005 fejn xehdet il-konvenuta **"B"**, liema xhieda giet tradotta ghall-lingwa Taljana ghall-beneficcju ta' l-attur li jitkellem bit-Taljan. Id-difensuri ddikjaraw li ghalqu l-provi taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 t'Ottubru 2005 fejn Dr. Tanya Sammut ghall-konvenuta nfurmat lill-Qorti li l-provi huma maghluqa. Peress li hadd mill-partijiet u lanqas Dr. Joseph Ellis, imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-azzjoni attrici qed issir a bazi tal-**artikolu 19 (1) (a) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jipprovdi li hemm kaz ta' annullament taz-zwieg:-

*"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew bil-biza".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP) deciza fid-9 ta' Marzu 2000) diga' kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza' u ghalhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo *sive* Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura rrezistibli, cjoe' trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja u gie affermat li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti".*

Illi wkoll, fil-kaz **"Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:-

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibbilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza' tista' tkun ukoll *"reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza' lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne**

**mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru 1982) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza' ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza' fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita'. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza' li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza' li taqa' taht l-**artikolu 19 (a)**."*

Illi min-naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

***19 (1) (f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP)

l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja' Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *('colorem habens', 'substantiam vero nullam')* kif ukoll dak parzjali *('colorem habens', 'substantiam vero alteram')* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech nomine"**. (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu."*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' fictio seu ostensio falsi pro vero."*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali."*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg."*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-*

*prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*'consortium vitae'* tikkomprendi zewg elementi, u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta' taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power."*

Illi wkoll, ***D.J. Burns***, fil-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary"** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali."*

Illi min-naha l-ohra l-konvenuta tghid li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat a bazi wkoll ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jipprovdi li z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Emanuel Walter Vella vs Mona Lisa Vella"** (P.A. (RCP) - 1 t'Ottubru 2002 - Cit Nru 801/96/RPC) il-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly.*

*Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'aementia', not in the sense*

*of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in ***'*****L'immaturite' et le consentement matrimonial*****"*** (pg. 54-55) jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia' Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of*

*mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. (****Viladrich, P.J. –*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-****Kap 255****, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-
*"Fil-kawza* ***"Haidin vs Haidin"*** *(PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr*

*l-imhabba lejn persuna ohra u x-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

Illi mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indissolubbilta' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja u l-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'*communio vitae'.* Fil-kawza **"Micallef vs Micallef'** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi l-element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja *('communio vitae'*) bejniethom.

**<u>(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi din il-kawza tirrigwarda zwieg civili li sehh fid-19 ta' Jannar 1995 bejn ragel divorzjat ta' nazzjonalita' Taljana u mara Maltija. Bejn iz-zewg kontendenti kien hemm differenza fl-eta' *stante* li meta ltaqghu l-konvenuta kellha dsatax-il sena filwaqt li l-attur kellu hamsin. Filwaqt li z-zewg partijiet isostnu li hemm kaz ta' annullament taz-zwieg, l-attur jallega li l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255,** kif ukoll u a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255.** Min-naha taghha l-konvenuta, li anke pprezentat kontro-talba, filwaqt li taqbel li l-kunsens taghhom kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255,** tghid ukoll li l-istess kunsens tat-tnejn kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** aktar 'il fuq imfisser.

Illi allura din hi sitwazzjoni fejn il-partijiet ghalkemm qed jaqblu dwar id-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg ma humiex qed jaqblu fix-xhieda taghhom kif il-kunsens taghhom kien allegatament vizzjat. Fil-fatt f'partijiet krucjali ta' l-istess xhieda taghhom, il-verzjonijiet taghhom jikkontrastaw sew ghal xulxin.

Illi din il-Qorti tinnota li apparti x-xhieda taghhom, il-partijiet ma ressqu ebda xhieda ohra f'din il-kawza. Tinnota wkoll minn ezami akkurat tal-provi, li hemm artikoli tal-ligi ndikati mill-partijiet rispettivament kemm fic-citazzjoni attrici kif ukoll fil-kontro-talba tal-konvenut, fejn assolutament ma humiex sorretti mill-provi.

Illi hekk per ezempju l-**artikolu 19 (1) (a)** indikat mill-attur fejn jghid li l-kontendenti ssimulaw il-kunsens taghhom taz-zwieg minhabba li *"l-biza' reverenzjali li l-konvenuta kellha fil-konfront tieghu minhabba d-differenza fl-eta' bejniethom".* Dwar dan, din il-Qorti tinnota li apparti li l-huwa kontro-sens li titkellem dwar simulazzjoni tal-kunsens tal-kontendenti, meta wiehed qed jirreferi ghall-allegata biza' reverenzjali ndikata u allegata tal-konvenuta biss, l-attur ma ressaq l-ebda prova fuq dan. Ma tressqet l-ebda prova li ssostni li d-differenza fl-eta' setghet wasslet ghal dak allegat mill-attur.

Illi din il-Qorti tirrileva mhux bizzejjed li z-zewg partijiet jaqblu li ghandu jkun hemm annullament taz-zwieg, izda din il-Qorti trid tkun konvinta li oggettivament hemm kaz veru ta' annulament taz-zwieg. Dan kemm ghaliex hemm prezunzjoni legali wkoll favur il-validita' taz-zwieg peress li l-istitut taz-zwieg huwa ta' ordni pubbliku, bhal fil-kaz **"Johanna Parnis England vs Stefan Borg Manduca"** (P.A. (RCP) 30 ta' Gunju 2005), u kif ukoll ghaliex tali dikjarazzjoni ta' annulmanent tista' tinghata biss fil-kazijiet kontemplati fil-ligi, u wara dikjarazzjoni tal-Qorti jew Tribunal kompetenti, li japplika l-ligi ghall-kaz in kwistjoni. Dan fil-fatt huwa ta' ordni pubbliku u huwa kaz ta' kuntratt li fil-ligi taghna ma jistax jinhall biss bil-kunsens tal-partijiet, *multo magis* ghaliex hekk hija x-xewqa tal-partijiet u dan ghaliex l-istituzzjoni taz-zwieg hija ordinament ta' ordni pubbliku u l-Ligi thares sabiex tippreserva l-istess

stat. Fuq kollox u minkejja kollox ghadu sal-lum ihares lejn istituzzjoni taz-zwieg bhala l-bazi tas-socjeta' Taghna.

Illi dan japplika f'kazi fejn tali dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg tkun konvenjenti ghall-partijiet, specjalment meta l-konvivenza bejniethom ma tkunx aktar possibbli, jew anke meta l-partijiet jkun isseparaw wara sentenza tal-Qorti jew bi bonarjament. Il-Qorti ma tistax u ma ghandhiex toqghod ghall-konvenjenza tal-partijiet, ghaliex altrimenti tkun qed tohloq rimedju mhux moghti mill-Ligi. F'dan is-sens din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li ntqal fil-kawza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** tat-28 ta' Gunju 1987 u fis-sentenzi ta' din il-Qorti kif presjeduta **"Wilma Vancell vs Joseph Vancell"** (P.A. (RCP) Novembru 2004); **"Caroline Grech vs Ian Borg"** (P.A. (RCP) 28 ta' Ottubru 2004); u **"Anthony Azzopardi vs Rita Azzipardi"** (P.A. (RCP) - 30 ta' Novembru 2004).

Illi fil-fatt l-ezami li trid taghmel u qed taghmel din il-Qorti huwa dak li quddiem l-inkwadru ta' l-allegati cirkostanzi esposti fil-kaz tara jekk tali provi jikkonvincux lill-gudikant li saret il-prova necessarja skond il-vot tal-Ligi ghad-dikjarazzjoni rikjesta ta' annullament taz-zwieg. Dan ghaliex zwieg ma jigix annullat fuq semplici xewqa tal-partijiet izda a bazi tar-rekwiziti legali stabbiliti mill-ligi. F'dan is-sens wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Christine Ellul vs Brian Ellul"** (Cit. Nru 27/1999).

Illi wkoll trid issir differenza minn ragunijiet li jaghtu lok ghall-separazzjoni personali u ragunijiet li jaghtu lok ghal annullament taz-zwieg. Filwaqt li ta' l-ewwel jirreferu ghal zwieg validu u kunsens moghti validament ghaz-zwieg, fejn izda fil-kors taz-zwieg jinqalghu problemi li jaghtu lok ghat-terminazzjoni ta' l-obbligu ta' konvivenza bejn il-partijiet, fil-kaz ta' annullament taz-zwieg, il-provi ghandhom jirreferu u jindikaw vizzju ta' kunsens fil-mument taz-zwieg, li allura jrendi l-istess celebrazzjoni taz-zwieg nulla u bla effett.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li a bazi ta' l-atti processwali l-istess allegata nullita' taz-zwieg ma gietx ippruvata mill-

partijiet ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti. Anzi jinghad li din il-Qorti ma hija bl-ebda mod konvinta li hemm bazi ta' annullament ghal dan iz-zwieg, u certament ma giex ippruvat li l-kunsens ta' xi parti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat kif allegat u fuq il-premessi ndikati rispettivament mill-kontendenti.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li l-ebda verzjoni tal-partijiet rispettivi ma hija kredibbli, anke ghaliex hija kontrastanti sew mal-verzjoni moghtija mill-parti l-ohra, u dan f'elementi li din il-Qorti thoss li huma krucjali ghad-determinazzjoni ta' din il-kawza. Dan apparti li fuq allegazzjonijiet ohra, gja' wahda minnhom indikata f'din is-sentenza, il-verzjoni ta' parti jew ohra ma hijiex sorretta fil-grad rikjest mill-ligi u mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti.

Illi dan ma jfissirx li f'dan il-kaz ma kienx hemm dizgwid matrimonjali jew li l-koppja ma kellhiex diffikultajiet fiz-zwieg. Anzi jidher li kien hemm diffikultajiet serji fl-istess zwieg, u jidher li matul iz-zmien li l-istess koppja damet tghix flimkien fiz-zwieg, problemi kien hemm, izda dawn il-problemi filwaqt li jistghu jwasslu ghall-firda personali, bl-ebda mod fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, ma jaffettwaw il-kunsens ta' xi parti minnhom ghal dan iz-zwieg jew il-validita' ta' l-istess kunsens.

Illi f'dan il-kuntest jinghad ukoll li r-riferenza tal-konvenuta ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** fejn fil-kontro-talba hija tallega jew tippretendi li l-kunsens taz-zewg partijiet kien fil-fehma taghha affett b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u d-drittijiet taghha. Izda mix-xhieda prodotta, anke mill-istess konvenuta, dan assolutament ma jirrizultax li huwa l-kaz. Fil-fatt mill-istess xhieda jirrizulta li hija fehmet sew l-elementi essenzjali taz-zwieg u kienet konxja ta' l-obbligi li hija kellha tassumi ghall-istess – tant li jidher li hija mill-ewwel saret thobb lill-attur, riedet tghix mieghu, bdiet tghix mieghu anke qabel iz-zwieg, u ghazlet minn jeddha li tizzewgu minkejja l-fatt, li hija tallega li kien hemm oppozizzjoni ghall-istess zwieg mill-familja taghha, minghajr ma ressqet l-icken prova in sostenn ta' dan.

Illi in effetti hija tghid bl-aktar mod kategriku li hija kienet attirata lejn il-mod kif l-attur kien jimxi b'edukazzjoni u b'rispett lejha, u d-differenza fl-eta' bejniethom kienet tara bhala haga pozittiva li hija kienet qed tfittex ghaliex kienet turi sens ta' maturita' li lejha tidher li kienet mhux biss taspira izda a dirittura tfittex fis-sieheb taghha. Taht dan l-aspett l-istess attur kien il-bniedem ghaliha. Tant huwa minnu dan li hija bdiet tghix mieghu fis-sajf tas-sena 1994, u baqghet tghix mieghu sakemm izzewgitu fid-19 ta' Jannar 1995. Ma hemm l-ebda dubju li l-istess konvenuta fehmet l-elementi essenzjali taz-zwieg, kienet thobb lill-attur u ghazlet li taccetta l-proposta tieghu taz-zwieg, li saret minnu b'mod mill-aktar naturali, wara perjodu jghixu flimkien. Minn imkien ma jidher li saret xi pressjoni fuqha, tant li hija l-impressjoni ta' din il-Qorti li meta l-ġenituri taghha raw hekk huma wkoll kienu accettaw is-sitwazzjoni, kif hija stess tghid fl-affidavit taghha a fol. 21 tal-process.

Illi jidher ukoll li l-istess konvenuta kienet lesta li tiddedika hajjitha bhala l-mara ta' l-attur tant li kif kellha l-opportunita' hija rregolarozzat il-pozizzjoni taghha legalment billi zzewget lill-attur. In verita' jidher car li anke l-attur stess kellu d-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghti l-kunsens tieghu validament ghal dan iz-zwieg. Fil-fatt l-istess attur jghid fil-kontro-ezami tieghu li huwa kien gie hawn fil-bidu ghan-negozju tieghu, pero' zzewweg lill-konvenuta ghax ried li jizzewwigha u mhux minhabba negozju li kien qed jiggestixxi. Huwa jikkonferma li dwar l-eta' ta' bejniethom lanqas ma kien hemm diffikolta'. Allura din il-Qorti thoss li t-talba tal-konvenuta fuq dan il-punt hija kompletament bla ebda bazi.

Illi din il-Qorti ser tezamina l-provi prodotti a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** fejn hawn iz-zewg partijiet allegaw li kellhom il-kunsens taghhom vizzjat ghaliex kien simulat. F'dan il-kuntest l-unika proposta migjuba 'l quddiem mill-partijiet kienet li ma riedux li jkollhom tfal mill-unjoni ta' bejniethom. Hawn pero' jezisti wkoll disgwid car u kien hemm verzjonijiet kontrastanti bejn il-partijiet, li kompla kkonvinca lil din il-Qorti li in verita' l-ebda wahda

mill-verzjonijiet moghtija ma kienet kredibbli, tant ghaliex l-ebda wajda ma giet ippruvata sodisfacentament u fil-grad rikjest mill-ligi. Dan huwa fatali meta wiehed iqis li kienet l-ghazla tal-partijiet li fl-ebda stadju ma ressqu ebda prova ohra.

Illi fil-fatt l-attur jghid li huwa qatt ma ried li jkollu tfal minn dan iz-zwieg, u dan peress li huwa gja’ kellu tfal minn zwieg iehor precedenti. Dwar dan kien ftiehem mal-mara tieghu li huwa kellu jizzewweg lilha bil-kundizzjoni li ma jkollux tfal minnha – haga li jghid li giet accettata mill-konvenuta. Kien biss wara z-zwieg meta l-konvenuta instigata minn ommha bdiet tinsisti li jkollhom it-tfal. Hawn l-attur baqa’ jinsisti fuq dan il-patt li jghid li sar bejn il-partijiet.

Illi min-naha taghha l-verzjoni tal-konvenuta hija ferm differenti u hija tghid bl-aktar mod katerogiku li ma kien hemm ebda ftehim f’dan is-sens. Anzi tistqarr li hi minn dejjem kienet disposta u xtaqet li jkollha tfal. Mela allura fl-ewwel lok din il-Qorti tinnota li dan ifisser li skond il-konvenuta l-kunsens taghha bl-ebda mod ma kien vizzjat ghaliex hija qatt ma eskludiet l-element tal-prokreazzjoni ta’ l-ulied mill-kunsens taghha. F’dan is-sens il-premessa taghha li l-kunsens anke taghha kien vizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255,** qed tigi kontradetta minnha stess. Dan qed jinghad ukoll peress li hija fl-ebda mument u fl-ebda parti tax-xhieda taghha ma rreferiet ghal xi element essenzjali taz-zwieg li gie eskluz mill-kunsens taghha, tant li hija tghid li l-inkwiet beda wara z-zwieg meta l-istess attur beda jittrattaha hazin, jipprova jiddominaha u anke akkuzatu bi vjolenza domestika. Dawn l-aspetti kollha jistghu jwasslu ghall-separazzjoni ta’ bejn koppja mizzewga, kif fil-fatt ghamlu, izda certament mhux ghall- vizzju ta’ kunsens taghha skond dan is-sub-artikolu.

Illi fit-tieni lok l-istess verzjoni tal-konvenuta tikkontradixxi lill-attur fil-verzjoni tieghu li kien hemm qbil bejn il-partijiet li jeskludu l-element ta’ prokreazzjoni ta’ l-ulied miz-zwieg taghhom. Fil-fatt hija tirrepeti dan f’kull okkazjoni li kellha biex tixhed fejn fl-affidavit taghha hija tghid *“li qabel iz-*

*zwieg gieli tkellimna fuq it-tfal u l-attur qatt ma tani l-impressjoni illi ma xtaqx tfal fiz-zwieg, izda kien jghid illi huwa kellu diga' hamest itfal u ghalhekk ma kienx ser ikollu problemi biex ikollu tfal …"*

Illi l-konvenuta rrepetiet l-istess verzjoni fix-xhieda moghtija minnha fid-19 ta' Settembru 2005 fejn qalet li:-

*"Jiena qatt ma kelli hsieb li ma jkollix tfal, u meta konna nitkellmu fuq it-tema tat-tfal huwa kien jghid illi ma kellux problema, hu diga' kellu hamsa."*

Illi dan kollu huwa konfliggenti ma' dak li sostna l-attur, li b'certu sahha sostna li kien hemm ftehim ghall-eskluzjoni ta' koncepiment tat-tfal minn dan iz-zwieg. Pero' hawn ukoll il-verzjoni ta' l-attur innifsu mhux biss hija kontradetta mill-konvenuta b'mod mill-aktar kategoriku, izda huwa lanqas huwa konsistenti fix-xhieda tieghu stess tant li fid-dikjarazzjoni tieghu jghid li *"ma xtaqx illi jkollu aktar tfal wara li kellu bosta tfal minn zwigijiet precedenti"* (fol. 3). Fl-affidavit tieghu a fol. 28 tal-process jghid *"there was no discussion regarding the possibilty of having offspring"* (ghalkemm izid jghid li qatt ma kellu ntenzjoni li jizzewweg lill-konvenuta biex ikollu t-tfal). Fl-ahharnett fil-kontro-ezami tieghu ta' l-20 ta' Gunju 2005 jghid kontra dan kollu li a dirittura *"zzewwigna bil-patt u bil-kundizzjoni li ma jkollniex izjed tfal. Omm Clara riedet li Clara jkollha t-tfal. Kont qed nghidilha li ahna konna ghamilna patt li ma jkollniex tfal. Jiena kont insistejt u l-mara kienet accettat. Il-mara qaltli li ghaliha kollox kien sewwa ma jkollniex tfal … …"*

Illi jidher car li l-istess attur ghalhekk lanqas huwa konsistenti fil-provi li ressaq huwa stess fuq dan il-punt. F'dan l-aspett din il-Qorti gja' rrilevat li dan kollu gie kontradett mill-konvenuta, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni ta' din il-Qorti li l-azzjoni attrici u l-kontro-talba tal-konvenuta ma tistax tirnexxi fuq dan il-kap.

Illi fil-fatt jidher li r-raguni ghaliex dan iz-zwieg sfaxxa hija dik moghtija mill-konvenuta anke fid-dikjarazzjoni taghha, u cjoe' fejn hija tghid (paragrafu 6 tad-dikjarazzjoni taghha

a fol. 16 tal-process) li *"wara z-zwieg, l-attitudini tieghu fil-konfront taghha bdiet titbiddel fis-sens illi kien sar bniedem dominanti hafna u ma kienx jikkonsulta ruhu ma' l-esponenti qabel ma jiehu decizjoni illi kienet ser tinfluwenza l-hajja taghhom it-tnejn".* Il-konvenuta spjegat dan kollu fl-affidavit taghha tat-23 ta' Awissu 2004 fejn semmiet il-vjolenza domestika wkoll bhala r-raguni ghaliex l-istess koppja sseparaw fattwalment fis-sena 1999 u legalment f'Ottubru 2003. Min-naha tal-konvenut, dan jatribwixxi l-falliment fiz-zwieg ghal dak li huwa jallega li kien indhil minn omm il-knvenuta u problemi finanzjarji, li lkoll huma ragunijiet li jwasslu, kif fil-fatt wasslu ghall-separazzjoni bejn il-kontendenti, izda mhux ghall-pronunzjament ta' annullament taz-zwieg.

Illi ghalhekk kemm it-talba attrici u kemm il-kontro-talba tal-konvenuta qed jigu michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tichad t-talba attrici** *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kollha tac-citazzjoni attrici kontra l-attur.

Illi fir-rigward **tal-kontro-talba tal-konvenuta** datata 15 ta' Gunju 2004, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi minkejja li l-attur rikonvenzjonat ma pprezenta l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet ghall-istess, **tichad il-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti** *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba tal-konvenuta ghall-istess konvenuta rikonvenzjonanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------